# IL BON PASTUR

**KARI MALTI TA CULL XAHR**

**Ghal moghdia ta 'z-zmien fil gid tar-ruh**

**IMBIERECH MIL PAPA LEONE XIII.**

*Jen ir-raghai tajieb: u 'ngharaf in-naghgiet tighi u 'n-naghgiet tighi iagharfu lili.*
G. C. (*Ev. S Joan:*) c. X.

*Pietati, religioni et christianae disciplenae promovendae operam navatis... Apostolicam Benedictionem, auspicem coelestium gratiarum impartimus Omnibuspro quibus postulastis.*

*Littra tal Papa Leone XIII lid-direzioni tal B. Pastur,* 11 Giugnu 1881 muetka b' oħra tal 25 ta Ottubru 1884

*Min irid jissiekeb* iħallas Hames so'di cull sitt xuhur u ghal barra min Malta bill postag: il klieħ imur ghal bosta operi taiba ta paijsna.

**It-DisaSena** **1887** **Nu. 10 Ottubru**


## LILL MIN JAKRA

Nizzuħair lill dauch colla li ifaħħru lill dan il kari malti; aħna nixtieku li icun aħiar, izda naghmlu chem nistghu li jaghmel il gid. X' gid jaghmel ghaliex rainieħ b' ghaineina...izda inħallu il ħattieħor igheid bieħ. Nitolbu lill imseħbin li ghadom ma taux il ħlas ta Lugliu li ificciu jatuħ, u uisk izied nirriccmandau lill dauch li ghandom jatu mill' euuel tas-sena. Ghandna min ghandu jati bosta snin, dan ma 'r-ridux nemmnu li jibka bla ma irot il giurnal jeu jati il ħlas tighu! Ecch nittamau. Jiftacru li il klieħ ta dan il giurnal ua ghal Opera ta carità u ghalecch ma nixtekux li jintilef jeu idum ma isir il ħlas.

## SCOLL CONTRA IS-SALVAZIONI

Uaħda mill ħueijeg l' actar difficili ghal bniedem, ia li jokghod ghal ħsieb ta ħattieħor; actarx cull ħatt irid li tighu tghaddi. F' dan jisbagliau bil bosta u xi dakkiet nies moghtijn ghal ħueijeg biss t' Alla. Mseicnin chem uma mkarkin! mn' ecch jigiu dauch il ħafna

ghadib u taħuid li icun emm fil famiglia. Jecch Erone l' eremita ghall' ebusia ta rasu gherek geuua bir, dauna ghal cburitom jegherku mitt darba cull jum fl' *impersezionijet.* U jecc icunu jaghmlu xi ħagia ta tieba, jddrilom illi il fehma taħħom ia *rivelata,* u ghalecch iridu maghmula il *volontà* tahħom pħallichiecu t' Alla stess! Mseicnin; nargia ngheid, ghaliex ma ghandomx umiltà, li ìa il kofol ta collox. Fra Bernardino d' Asti general tal Capuccini, ragel kaddis, chien irricmanda f' cull vista lis-superiuri in-nifsom li icunu deijem *soggetti* lein il fehma ta l' oħrain. Ua chien jeħu parir min ghand xi fratell laich li jaf jaħseb, biex cul ma jaghmel icun mir-ras ħattieħor ucoll. Chem ua aħiar tmur il cnisia darba cull nar ta ħatt, milli tnissel il glied ħiddar? Aħiar titkarben nar ta tnein tax-xoghl fil quiet, min nar il Milied bl'inquiet tighech u tal famiglia. Oh! li chien jiħiimna min ghandu jiħem, chem gid jista isir ħir-ruħ u chem deni jinħarab! Cull ħatt igheid lill oħrain stinati, u jara fl' oħrain it-tibna, chif kal Gesù Cristu, izda ħatt, jeu ftit jarau id-difetti cbir li icun fukom!

Min ghalecch irid jimxi ghat-triek tal perfezioni nisrania iħittex ighacches l' imħabba taghna infusna zeida!

## IL LAPTU TA S. GIUSEPP

*(arau in-numri ta kabel)*

Uaħda min dauch is-Soriet li chienu fl' Isptar ta Terni chienet ghassa bil-leil kuddiem is-sodda No. 11; dina fis-skiet tal-leil tisma tiekaf kuddiem l' Isptar carrozza u jiffacciau fil bieb ta l' Isptar Signur u Signura li iridu jitħlu. Is-Signura chienet imbicchia u chella impenn uisk cbir li titħol. Mux possibli tieħad din il ħagia lill min ghandu x' eħad min-niesu sejier imut. Is-Signura daħlet ippuggiata mas-Signur u ghaddiet min

kalb dauch is-sodot tal feriti f' dauch is-suali tal bichi, uaħxin, uisk izied fil-leil, li icollom biss dual min lampa imdendla mis-sakaf. Ma tismax ħlief ħurħara tal moribondi, crib tal feriti u ta uara l' operazioniet tal ktieħ; u il passi ta l' infermiera li tghaggel min banda ghall' oħra ma duar is-sodot. Is-Signura chienet tfittex is-sodda tal garibaldini No. 11 u chienet tibzgha li issibu mejjet. Izda is-Soru ħadita ħdeiħ u l' euuel chelma li kaltila : Gustavu ghadu ħaii, uara takliba li ghamel, mar ghall' aħiar. Is-Signura stringitila ida geuua taħħa u bis-skiet deħret tgheidla, nirringraziach, imbierchech u nħossni nħobboch. Is-Signur u is-Signura ħarsu lein Gustavu. Ua l' euuel ħares leighom, imbaghad ibbaxxia ghaineiħ, rabat ideiħ u beda jibchi. Ommu tbaxxiet u besitu fi gbinu b' signal tal maħfra... Aun Gustavu ħa 'r-ruħ ! Fetaħ ghaineiħ, tala ftit culur f' uicciu u dbissem jitħkilom. Gustavu chien rà l' erruri tighu, chif gie f' sessieħ, chien karr dnubietu u ragia ħabib t' Alla. Ommu u missieru sabuħ già convertit ! Izda il kmis ħamra mkattgha li dejiem chienet kuddiemu, ma chienx sata izied jaragha, dauch sħabu feriti chienu izidulu id-duejiak tal marda. ghalecch ħaduħ niesu f'locanda ta Terni fein, ic-curauħ ftit ieħor sa chem fiek seuua. Allura ommu chienet tgheidiu : Oh ! chem ghandech tizziħair l' Alla ! U ua chien iuegiba : L' Alla, ghat talb ta S. Giusepp.

Chif leuuel chien Gustovu jixtiek jitħlu f' Ruma biex jeħdua il garibaldini, ecch issa li fetaħ ghaineiħ xtiek imur Ruma biex ibus riglein il Papa li kabel chien tant contra tighu b' ideiħ merfugha. Il garibaldini chienu rtirau uara li bosta minnom ħalsu il laħam. Gustavu ma ommu u missieru marru f' Ruma : U ommu kaltlu: Ngheid lill Piu IX chif jen rabbeitech tant taijeb u ghalchem ħbat tintilef, inti ingbart u ghalecch jen noffrich lilu. — U Gustavu: Jen igheidlu u

naħliflu li deijem niddefendiħ ma cull ħatt!—Izda meta marru kuddiem il Papa u deher Piu IX b' dich il maestà umili u divina ta kaddis u Vicariu ta Gesù Cristu, il contessa tbicchmet u ma kaltlux ħlief: missier...omm imseicna...iben migbur min fost il garibaldini...berichna... U ma setghedċ titchellem izied. Il Papa bericom tchellem ftit ma Gustavu li min emm ħareg igheid li ghandu isir religius.

Fi Grenoble ta Franza emm *La Grande Chartreuse* tar-religiusi Certosini ulied S. Brunone. Emm fissilenziu ta l' orazioni, igheixiu tant u tant li iħallu iddigna, minldakkiet uara li icunu issemmeu ta ghorrief mill' izied, jeu generalista l' armata, jau capi ta offizi mill' oghla. Fuk dich il muntagna, taħt is-sigiar xiuħ ta triek tuila uisk li tieħu ghal dach il cunvent, Gustavu chien seijer ma missieru. Uaslu : ħabbtu, u daħlu jittenneu l'issuperiur. Dan giè ghaliex chien it-tennihom: Ma tchellimx uisk ; izda kal lill Gustavu : Ma geic ghar-rpos izda ghax-xoghl ; lesti ruħech biex ticcubatti u tbati. Nghas kasir, ichel oħxion, is-schiet micsur biss mit-talb.—Gustavu kaghad gharcubteiħ bies id il Patri u kallu: Jen tighech ghal ghomri collu ! — Min emm marru il cnisia. Il kampiena dakket u 'r-religiusi geuu fil cnisia ma duar l' artal. Gustavu u 's-superiur marru fin-nofs. Schiet mil acbar. Is-Superiur beda is-salm tal meitin, u il cnisia rbombat bil cant, ta leħen uieħet, tal patriet li kalu is-sufragi fuk Gustavu li daħal emm maħħom biex imut ghad-digna. Ua f' kalbu beda igheid ucoll bil chelmiet tas-salm : *Mill fond tal fakar u 'l miseria tighi lilech Signur ghaijat. Isma Signur il leħen tighi insa il ħazen tighi ghaliex jecch inti tghod dnubieti, min jista izomm kuddiemech ?*—Chif spiccia dach il cant ragia is-schiet. Laghda il missier mar rassegnat bis-sabar u bil chelma li kallu Gustavu : missier, li tliftni fil combattiment ta Mentana ma contc tìbka ghal

deijem mgholli ? ifraħ mela issa li tarani moghti l'Alla.

Uara ftit granet chiteb lill ommu : Jen content seuua. Nitlob l' Alla li insa bluiti u jaħfirli l' imrar li taitcom. *Gustavu B.*

Taraū educazioni taiba, id-devozioni lein S. Giusepp u il laptu tighu x' gharfu jaghmlu ? Religius min garibaldin.

## L' ESIBIZIONI TAL GIUBLEU TAL PAPA

Il Commissioni promotrici ta Bologna tat lill Papa lampier ghal geuua il Cor ta S. Pietru. Din il lampa ia maghmula min tant offerti ta *sold* il uaħda migburin min bosta pajisi. Dina tcun ghal dejiem tixghel ad unur ta Maria SSma u ta l' Apostoli S. Pietru u S. Paul u turi il kalb fervorusa ta l' insara ulied il Papa u memoria tal giubleu tighu. Il lampier ua tal fidda mzejjen bid-deheb u fieħ ucoll il gemmi preziusi. Ix xoghol u ir-ricchezza ta dan il lampier ua ħagia li tistħokk ghal fein ua destinat.

Ua ucoll ta min isemmieħ il Calici tad deheb, xioghol sabieħ uisk, li fieħ ucoll bosta ħagiar prezius. Dan ú don ta 'l Cleru u tal Poplu ta Modena u Nonantola.

Min Mantova seira *Arpa bit-tastiera.* Dina ia don ta 'l poplu ta dich il belt. L' arpa ia invenzioni tal Professur Antaldi ta emm, ragiel famus fil musica u cattolicu mill' aħiar. L' arpa ia maħduma pħall' artal li tat lill Papa il Commissioni promotrici ta Bologna. Il colonna ta l' arpa ia mfissra il cnisia, fuka emm il Papa li kighed ibierech lill min idokk : kuddiem dich il colonna tuila emm oħra kasira, chif icunu l' arpi specialment il moderni u din ia maghmula min basi u fuka anġlu li kighed jati il kima lill Papa u ghandu l' iscrizioni ta l' offerta, emm imbaghat l' armi ta

l' Iskof Móns. Sarti ; l' insegni ta Mantova ; u fil baxx emm it-tastiera ta l' avoriu u ebanu.—Opera meravigliusa !

Il Cav. Arcip. Gabriele Destafinis tal Cattedral ta Ivrea, ghandu jati lill Iskof 14000 franch biex jizdiedu ma 6000 oħra li taħ kabel, biex jimbaghtu lill Papa, biex ighein lill dauch li iridu isiru u jistudiau ghal ecclesiastici.—Esempiu ta min jimitaħ !

Min Verona G. Melchiori publicu ctieb msejiaħ. "Da S. Leone Magno a Leone XIII, ossia i tredici Leoni Pontefici." Juri fieħ chif il cnisia siebet dejiem min jddefnedigha mil ghedeuua u daun il Papiet colla, chienu pħal Liuni contra l'assalti tal ghedeuua taħħa, il Borboni, is-Saracini u l' actar chiefrin ghedeuua li ħakrugha. U igheid li Leone XIII bl' autorità divina u bill gherf tighu ammirabili ua forsi destinat biex uaħdu jekret il ghedeuua colla li keghdin ificciu li iħarptu il cnisia u 's-Società.—

Min Catania seirin bosta ħuejieg ghalchem il cholera ħakar dich il belt uisk. Incisioni tal bulin invenzioni ta l' artista De Bartolo, li tippresenta il Papa ; u xoghliet tipografici ta Salitola. Jinghad li, almenu mill'Italia, ma icunx emm min ighaddiom.—Baghtulu ucoll stola ta xioghol speciali ta Skallia, xibca tad-deheb, bil giauuar midmum mighu. Is-servi ghal culuri colla, aħmar, abiat, u viola scont l' inforra li taghmela meta trid. Izda tista ucoll tintlibes bla nforra. Emm ucoll lava maħduma, gruppi ta 't-terracotta, fiuri tax-xama u tal conchigli, xioghol tal ghambar, u miet ta ħuejieg oħra. Catania dejiem turi ruħa!

Min Paliermu 27 don uisk sbieħ. Messal sabieħ u mzejien bill miniaturi, legat bil gilt u bill fidda ; Ventaltar raccmat bid-deheb fuk xibca ucoll tad-deheb bill guarnic tal bronz argentat u bl' angeli dorati ;—guarnic ovali tat-tertuca u ebanu u fiħ quadru tal

pergamena bl' induratura.—Ritratt tal Venerabili Maria Cristina di Savoia, Regina, omm Ferdinandu II, opra tal pittur Padri Sarullo francescan, imbaghad calici, pissidi, stoli ecc. ecc.

L' esibizioni tibda fl' euuel ta Jannar tal 1888. Darb' oħra nsemmu ħuejieg oħra li kala il Papa Leone XIII ghal dina l' Esibizioni.

*(tissocta)*

## AHBARIJET

Nakrau fil *Bullettin Salesian* No. 10 li il Missionarii Salesiani ta D. Boscu reskin lein Terra del fuoco biex ighallmu lill dauch is-selvaggi. Mar uieħed minnom mà certi viaggiaturi li riedu emm jitħlu, izda s' issa ma setghux jaghmlu xein ghaliex is-selvaggi ma iridu jirrendu ruħom. Anzi dauch il viaggiaturi chellom jiddefendu ruħom bl' armi.—Uieħed cappellan ta raħal ta Costanza sab mezz biex flimchien jiftiemu in-nazioniet colla, jeu *lingua universali*, seiħila *Volpuk*. Ja ħafifa biex titghallem, u gia bdeu iusaua xi diar tan-negoziu. Leibnitz chien rà li tinħtieg, izda ma nventaiex: il cappellan ta Costanza ried icun biex issir! Fil provincia ta Onveh ta l' India biss, fix-xahar ta Mejju li ghadda mietu 31 elf bill Colera. Fil Chili ta l' America f' sitt xiur mietu biha 10 telef.—F' Londra id-deni malinn li deher f' giurnata ua mess 750 ruħ.—Conversioniet cbar ta xismatici fil Macedunia u fir-Rumelin Orientali; u bosta armeni scismatici ta banda oħra.— Fil Germania il Capuccini, il Benedittini u 'l Francescani regghu acquistau il conventi taħħom u il permess li jaghmlu Comunità fihom.—Ir-Republica ta Liberia, protestanti, talbet lill Papa jibghat missionarii cattolici ghall' ischejiel u l' isptariet.—Il Papa tà il palazz Altemps, li chien xtraħ min ghand l' eredi tad-Duca Altemps, biex isir Collegg ta studi gdid ghal giuvintù ta Ruma.—

## AVVIS

Ghandcom tafu illi Mons. Amministratur Apost. gighel li ir-Rosariu jibka jinghad publicament sa l' aħħar tas-sena.

Ecch *proposta* il fabrica ta Cnisia zgheira f' *S. Giorg bay*, li tcun ueghda ghal ħelsien mil Colèra u min cull flagell. Isima icun ta *Gesù Nazzarenu.* Issir min offerta ta *sitt ħabbiet* fix-xahar. L' autur ta din il *Proposta* ua is-Sur Dr. Gio Spadaru u D. Guglielmu Pace Spadaru.

---

✝

Fil 11 ta 'x-xahar ta Ottubru miet ir-Rmu Patri ALFONSU MARIA Capuccin. Min chien dan il bniedem cull ħatt jaf ghaliex il pajis collu jafu u iħobbu. Gharef u ħelu, ħaddiem ghal gid tal proxxmu u coraggius, chien jisua lill' Ordni Religius u lill proxxmu. Alla iħallsu fil Genna mill ħedma tighu fil Cnisia !

Fil 20 ta dan ix-xahar mietet CONCETTA FIORINI min Bormla ta 62 sena. Nirricmandau ghalech lill imsieħba taghna collha li jiftacru fir-ruħ taħha..

*Requiem Æternam*

---

## COTBA

IL HABIB TAL CONVERSAZIONI,—Ctieb sabieħ ta fattiet li iservi ghal moghdia ta iz-zmien f'l'onestà tacciait u ħlieka, 3 soldi il copia u 13 f'loch tuzzana.

IL KALB TA GESU',—taghlim ghal perfezioni nisrania u id-dehriet u 'l ueghdiet maghmulin lill B. Margherita Maria. 2 soldi cull copia, 13 f'loch tuzzana.

L'ISBAH FOST IL COTBA, —jeu GESU' CROCEFIS sold u nofs il copia, u 13 f'loch tuzzana.

---

BIS-SENSIA TAL CNISIA

---

*Direzioni.*

Ghal min irid issieħeb } Fl'Istamperia ta G. Mifsud e Figlio Str. S. Orsola N.187 c
Ghan-naħħa l'oħra ghand is-Sur Lorenzo Dato